MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 565/2012

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**vs.**

**Liliana Buttigieg K.I. 15890(G)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-Awtorita` attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' tliet mija u tlieta u ghoxrin Ewro u sittin centezmu (€323.60) rapprezentanti d-danni u l-hsara kkawzati mill-konvenuta fl-24 t'Awwissu 2010 waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAZ-531, habtet go *Give Way Sign*, *Roundabout Sign*, *Keep Left Sign* u l-arbli rispettivi taghhom u kif ukoll

f'*aluminium reflector* li lkoll jinsabu gewwa Triq Lous Wettinger, il-Mellieha.
Illi ghal dawn id-danni u hsara hija responsabbli l-konvenuta kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u tal-vetturi bil-mutur.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Awtorita` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tal-Awtorita` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Awtorita` is-somma ta' somma ta' tliet mija u tlieta u ghoxrin Ewro u sittin centezmu (€323.60), bl-imghax legali dekorribbli mis-26 ta' Jannar 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv.
L-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 25 t'Awwissu 2011 u tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Jannar 2012, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------